# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju, 2015**

**Talba Nru: 440/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Stephen GATT [ID 225290M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-2 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' hames mija u sitt euro u disgha u sebghin centezmi ta' euro [€506.79c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u sitt Ewro u disgha u sebghin centezmu (€506.79) in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija u internet fuq 21320462 (AC40173282).

> Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2155/14, u bl-imghaxijiet legali sa mis-16 ta' Ottubru 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fis-16 ta' Gunju, 2015 u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi.

Ra l-intimat deher fis-seduta tal-lum u ressaq nota ta' ammissjoni.

Ra li d-difensur ta' l-intimat Dott. Julian Farrugia ddikjara li l-intimat xtaq ihallas l-ammont minnu dovut f'pagamenti mensili ta' mhux anqas minn mitt ewro (€100).

Ra li Dr. Keith Grech iddikjara li s-socjeta rikorrenti kienet qeghda tirrimetti ruhha ghal din it-talba tal-intimat.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' hames mija u sitt euro u disgha u sebghin centezmi ta' euro [€506.79c] in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija u internet fuq 21320462 (AC40173282).

Ikkunsidra;

2. L-intimat ressaq nota llum stess li permezz taghha ammetta t-talbiet tas-socjeta rikorrenti. L-intimat, tramite d-difensur tieghu talab li huwa jinghata l-fakulta li jhallas dan l-ammont f'pagamenti mensili ta' mhux anqas minn mitt euro (€100).

Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta' din l-ammissjoni da parti ta' l-intimat, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija u sitt euro u disgha u sebghin centezmi ta' euro [€506.79c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-16 ta' Ottubru, 2014, d-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali (fol. 9), sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimat u ghal fatt li s-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas mill-intimat fl-ammont ta' mitt euro (€100) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fl-1 ta' Awwissu, 2015 u imbaghad kull l-ewwel jum tax-xahar sussegwenti sakemm id-debitu jigi saldat. F'kaz li l-intimat jonqos milli jhallas pagament wiehed, allura l-ammont kollu jiġi dovut minnufih flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**